MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2014

Numru. 1208/2012

**Artikoli 37, 325(b), tal-Kapitolu 9**

**u l-artikolu 22 (1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef )**

**vs**

**omissis**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat A**,** ta' 19-il sena, iben B u C, imwieled D, fi ………, residenti ………… u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru ………..gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fl-4 ta' Awwissu, 2012 ghal habta tas-siegha u ghoxrin ta' filghodu (01.20a.m.):

Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABO 967 ta' l-ghamla Hyundai liema hsara tiskorri Euro 116.47 (LM50) izda mhux aktar minn Euro 1164.7 (LM500) ghad-dannu ta' Mario Galea, vettura ohra numru ta' registrazzjoni IBF 119 ta' l-ghamla KIA liema hsara tiskorri Euro 116.47 (LM50) izda mhux aktar minn Euro 1164.7 (Lm500) ghad-dannu ta' Sergio Tanti u vettura ohra numru ta' registrazzjoni XAN 611 liema hsara tiskorri Euro 116.47 (LM50) izda mhux aktar minn Euro 1164.7 (LM500) ghad-dannu ta' Brian Tonna .

Rat d-dokumenti kollha esibiti fl-atti fosthom il-fedina ta' l-imputat a fol. 3 li tindika li l-imputat m'ghandu l-ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrat fuqha, ic-certifikat tat-twelid ta' l-imputat esebit a fol. 2, l-okkorrenza tal-Pulizija mehuda minn PS 1030 Clinton Theuma esebita a fol. 4 ta' l-atti, zewg stimi dwar il-hsarat subiti fuq iz-zewg vetturi imsemmija fl-okkorrenza u fic-*charge* esebiti a fol 5 u 6 ta' l-atti, l-Istqarrija ta' l-imputat datata 4 ta' Awwissu 2012 u l-Kunsens tal-Avukat Generali datat dsatax (19) ta' Mejju 2012 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif registrat minnu waqt l-ezami li sar ai termini ta' l-**artikolu 370 (4) u 390 (2) tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza u wara li wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried seta' jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess Seduta tad-29 ta' Mejju, 2014 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa w inkondizzjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuza kif ammessa minnu.

Rat li l-imputat diga' hallas id-danni kagjonati minnu fil-konfront ta' Mario Galea fl-ammont ta' tlett mija tnejn u sittin euro u hamsa u tmenin centesmu euro (euro 362.85) u fil-konfront ta' Brian Tonna fl-ammont ta' sitt mija wiehed u tletin

euro u erba' u sittin centesmu euro (euro 631.64), u dana skond l-istess stimi esebiti mill-Prosekuzzjoi u l-Prosekuzzjoni iddikjarat fis-Seduta tad-29 ta' Mejju 2014 li dana kien kollu minnu u li ghalhekk il-kwerelanti ma kellhomx aktar pretensjoni monetarja fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi fil-mument li gew kommessi dawn iz-zewg reati ta' hsara volontarja l-imputat kien minorenni stante li l-incident sehh fl-4 ta' Awwissu 2012 u huwa twieled kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid esebit fl-atti nhar id-9 ta' Lulju 1995.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputat ikkollabora bis-shih maghha tul il-proceduri kollha sa mill-bidu nett ta' l-investigazzjoni u dan sal-mument meta irrilaxxja l-Istqarrija tieghu nhar l-4 ta' Awwissu 2012 meta stqarr li huwa kien gie aggredit minn zewgt irgiel waqt li huwa kien sejjer jixtri x'jiekol. Jghid huwa telaq jigri u hareg cavetta mill-but sabeix jiddefendi lilu innifsu mill-aggressjoni taghhom u huwa u jigri giref zewg karozzi bic-cavetta li kellu f'idejh ghaliex haseb li l-vetturi kienu taz-zewg persuni li kienu aggredewh. Jirrizulta ukoll li kien minn dejjem lest li jaghmel tajjeb ghad-danni kagunati minnu.

Illi ghalhekk in vista ta' dawn il-provi u cioe' li l-imputat hu *a first time offender*, li kien minuri meta sehh ir-reat in desamina, li kkollabora mal-Pulizija, li rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u li ma helix hin prezzjuz tal-Qorti u li ghamel tajjeb ghad-danni kagunati minnu, hija tal-fehma li ghandha tapplika *unconditional discharge.*

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-artikolu tal-Ligi u cioe l-**artikolu 37, 325 (b)** tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal- akkuza

kif addebitata fil-konfront tieghu u tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perijodu ta' sena u dan ai termini ta' l-**artikolu 22 (1) tal-Kap. 446** tal-Ligijiet ta' Malta.

**Tordna ukoll li peress li l-imputat kien minorenni meta ikkommetta ir-reat in dezamina tordna li ismu ma jigix imxandar f'kull mezz tax-xandir**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------